# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar *2024***

**Rikors Numru : 413/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MB**

**vs**

**DB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB datat 29 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn (02) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) gewwa P fl-I u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu erba' (4) itfal, senjatament A, R, L u B illum kollha maggorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xuxlin ghal aktar minn sentejn u di piu llum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Matthew Agius data nhar il-21 ta' Gunju tas-sena 2022, kopja ta' liema qieghda jigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom*

*stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn sentejn ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet iccelebrat nhar it-tnejn (02) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjez kollha jkunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DB datata 16 ta' Settembru 2022 a fol 20 et seq., li taqra hekk:

*Illi mhux kontestat li l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn sentejn;*

*Illi mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt min Nutar Dottor Matthew Agius data il-21 ta' Gunju tas-sena 2022;*

*Illi l-esponenti taqbel ukoll illi ma ghad hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnha*

*u r-rikorrent;*

*Illi, pero', jinghad li ma huwiex minnu illi ma hemm ebda pretensjoni fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u l-esponenti titlob li dan il-fatt jigi kjarifikat, hekk kif tali pretensjoni trid tigi rispettata fl-intier taghha. Tali pretensjoni ta' manteniment hija regolata mis-surreferit kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Matthew Agius datat il-21 ta' Gunju tas-sena 2022 ipprezentat mir-rikorrenti u mmarkat bhala Dok B, specifikament minn klawsola 7 ta' tali kuntratt li tistipula hekk:*

*"The husband shall pay the Wife the amount of two hundred fifty Euro (€250) per month as maintenance for the duration of forty-eight (48) calendar months. Therefore such maintenance will cease upon the lapse of forty-eight (48) calendar months. For the avoidance of doubt the forty-eight (48) calendar months mentioned in this paragraph shall start lapsing from the month of April of the year two thousand twenty-three (2023) while the last payment of maintenance shall be affected by May of the year two thousand twenty-seven (2027). Without prejudice to the aforesaid, the Wife is irrevocably forfeiting any right to claim and or receive any further maintenance from Husband. The Wife understands, confirms and agrees that this amount shall not be increased, reclaimed or revised in anyway whatsoever, not even if such right is granted to the Wife at Law.*
*The Husband is likewise forfeiting any right to claim and or receive any maintenance from Wife."*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dak stipulate f'paragrafu 4 ta' din ir-risposta, l-esponenti ma topponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

*Tant ghandha x'tissotommetti l-esponenti f'dan l-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 4) illi l-partijiet zzewgu nhar it-2 ta' Gunju 1992 gewwa P fl-I u li minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal li llum kolla maggorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg tkisser u fil-fatt sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Lulju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Matthew Agius. Xehed illi jghix hajja indipendenti u ilu separat de facto ghal dawn l-ahhar sentejn. Ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda manteniment dovut.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 24) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Gunju 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 2163/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal li llum huma kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-

Nutar Dr Matthew Agius nhar it-22 ta' Gunju 2022 (vide Dok B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment stante li l-manteniment tal-intimata jibda jiddekorri minn April 2023.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2163/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tas-26 ta' Jannar 2023, fejn hemm 'Seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar 2024' is-sena 2024 trid tinqara 2023.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**